# Erbà Għaqdiet Mużikali jfakkru flimkien Il-Mija u Erbgħin Sena mit-Twaqqif Tagħhom 1862 - 2002

Il-Banda ta' Bormla twaqqfet fl-1862 b'kuntratt għand in-nutar Salvatore Scifo bejn id-diriġenti tal-Banda u Lorenzo Grima bħala l-ewwel surmast. L-ewwel isem kien isem "La Banda dei Cospicuani' li fl-1882 inbidel f'Societa Filarmonica San Giorgio, meta l-President G. Crispo Barbaro ħa l-markiżat 'di San Giorgio'. Is-soċjetà baqgħet ħajja bla waqfien tul il-140 sena, għajr għas-snin tal-gwerra.

Sa minn qabel, insibu li fin-Naxxar diġà kien hawn element Bandistiku, però tagħrif awtentiku jagħtihulna l-Avukat Ignazio Micallef, Naxxari li kiteb tifkiriet ta' żmienu. Insibu li fis-sena 1862, numru ta' Naxxarin qalbiena ffurmaw Banda li oriġinarjament kien jisimha "Melita". Wara xi snin ġiet mibdula f' "La Pace", li aktar tard saret "Peace Band". L-ewwel surmast kien ċertu C. Mozaka u bħala President kien il-Markiż Vincenzo Bugeja. Il-Banda żammet ħajja tul 140 sena, għajr fi żmien il-gwerra.

---

Matul is-sena 2002 il-baned:-

**SOĊJETà FILARMONIKA 'SAN ĠORĠ', BORMLA,**
**PEACE BAND NAXXAR**
**SOĊJETà FILARMONIKA PINTO BANDA SAN SEBASTJAN QORMI**
**GĦAQDA MUŻIKALI MARIJA ANNUNZJATA, TARXIEN**

Se jorganizzaw flimkien Programm Mużikali u diversi attivitajiet fl-ibliet u rħula tagħhom. Iktar tagħrif se jitħabbar f'konferenza stampa li se ssir f'Jannar 2002.

---

Is-Soċjetà Filarmonika Pinto ġiet imwaqqfa fl-1862 f'Ħal Qormi u bħala l-ewwel President insibu lil Ludovico Maemple. Illum din is-Soċjetà hija magħrufa bħala s-Soċjetà Filarmonika Pinto, Banda San Sebastjan.
Sa mit-twaqqif tagħha l-għanijiet tas-Soċjetà kienu t-tagħlim tal-mużika tixrid tal-Kultura u Rikreazzjoni.

Il-Każin tal-Band ta' Ħal Tarxien ġie mwaqqaf minn Odilon Caruana, negozjant minn Ħal Tarxien. L-ewwel isem tiegħu kien Banda San Ġwann. Wara dan sar Banda San Ġużepp sakemm ġie ddedikat lil Marija Annunzjata, Patruna ta' Ħal Tarxien. Dan kien dejjem attiv mużikalment, bl-aħjar surmastrijiet tal-mument, u l-banda dejjem ħadet sehem importanti fil-festa Titulari.